**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 27ta' Mejju 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andy Rotin)**

**Vs**

**Charles Ryan Vella**
**Isaac Grech**

**Kump Nu: 495/2020**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputati u cioe **Charles Ryan Vella** ta' 31 sena, iben Lorraine Vella imwieled Pieta Malta nhar it-22 ta' Ottubru 1988 residenti gewwa 90, Triq l-Arkata, Paola detentur tal-karta ta' identita numru **0488688M** u **Isaac Grech** ta' 20 sena iben Joseph Grech u Lorraine Vella imwieled il-Pieta nhar it-18 ta' Frar, 2000 u residenti gewwa 90 Triq l-Arkata, Paola detentur tal-karta ta' identita numru **0075900L** gew imressqa w akkuzati talli fis-26 ta' Settembru, 2020 ghall-

habta ta’ bejn il-11.00 a.m u l-11.30a.m gewwa Triq Villambrosa, Hamrun u/jew f’dawn il-gzejjer:-

1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Villambrosa, Hamrun attakkaw jew ghamlu resistenza jew hebbew b’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ PC 437 Jurgen Falzon, PC 250 Clayton Caruana Gould, PS 918 Clayton Azzopardi u ta’ PS 674 Nigel Mallia bhala persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu fl-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ Ordni mghotija skond il-ligi mill-Awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. F’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun ghamel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Ghamlu lil PC 437, PC 250, PS 918 u PS 674 ingurji jew theddid mhux imsemmi band’ohra f’dan il-kodici jew jekk ikun ipprovokat jingurja b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Villambrosa, Hamrun volontarjament ikkawzaw grieuhi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 437 Jurgen Falzon, PC 250 Clayton Caruana Gould, PS 674 Nigel Mallia u ta’ PS 918 Clayton Azzopardi bhala persuni inkarigati skond il-

ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita kompetenti skond kif gie ccertifikat minn Dr. Monica Camilleri Reg. No. 3377, u dan bi ksur ta` l-Artikoli 214, 215 u 221(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Villambrosa, Hamrun ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' xi wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li l-pulizija kienu qed jghamlu d-dmirjiet taghhom u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Akkuzati wkoll li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu fi Triq Villambrosa, Hamrun volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Lil Charles Ryan Vella wahdu** gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Settembru, 2020 ghall-habta ta' bejn il-11.00 a.m u l-11.30am gewwa Triq Villambrosa, Hamrun u/jew fi bnadi ohra fi-gzejjer Maltin.

7. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBV 086 vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja jew isuqha b'nuqqas ta' kont bi traskuragni, jew b'mod perikoluz izda ma tkun mehtiega ebda licenzja dwar bicycle u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Lil Isaac Grech wahdu** gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Settembru, 2020 ghall-habta ta' bejn il-11.30am u l-12.20pm gewwa Triq Villambrosa, Hamrun u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin.

8. Irrifjuta jghati jew jaghti falz lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu fejn joqghod u partikolaritajiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba biex titratta ma Charles Ryan Vella u ma Isaac Grech bhala persuni recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'numru ta' sentenzi li gew definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta` PC437, PC250, PS918 u PS674 ai termini tal-Artikolu 382 et seq tal-Kap 9 Tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-27 ta` Settembru 2020 (ara folio 16) fejn iddecieda li din il-kawza tigi trattata bir-rit sommarju;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-verbal taghha tas-16 ta` Ottubru 2023 u l-verbal taghha tallum stess fejn il-kawza kellha tipprocedi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, dak li rrizulta f'dan il-procediment kien is-segwenti.

Illi nhar il-11 ta' Novembru, 2020 xehed **Stephen Cachia** a fol. 38 ghan-nom u in rappresentanza ta' Transport Malta li kkonferma li kien ghamel ricerka fuq l-imputat Charles Ryan Vella detentur tal-karta ta' identita numru 488688M u rrizulta li fis-26 ta' Settembru, 2020 huwa ma kellux licenzja tas-sewqan. Ix-xhud ipprezenta dokument esebit u mmarkat bhala dok SC[1].

**PC250 Clayton Caruana Gould** xehed nhar il-11 ta' Novembru, 2020 a fol. 43 u spjega li nhar is-26 ta' Settembru, 2020 waqt li hu kien xoghol flimkien ma PS 674 fil-Marsa u fil-Hamrun area ghaddejjin bir-ronda taghhom normali ghall-habta tal-11:00/11:30am, fil-kisra fi triq San Diegu nnotaw vettura tal-ghamla Smart bin-numru tar-registrazzjoni KBV 086 li kienet ipparkjata kemm xejn fuq bankina u kif ukoll fuq id-double yellow line. Innotaw li x-xuffier ma kienx fil-karozza izda kien hemm passigier certu Isaac Grech li gharaf prezenti fl-awla bhala wiehed mill-akkuzati.

Minnufih talbuh icaqlaq il-karozza dejjem jekk kellu licenzja tas-sewqan izda dan irrisponda li ma kellux licenzja tas-sewqan u ghalhekk nizel mill-vettura tas-servizz u beda johrog ticket bin-numru B 542563. Ovvjament, il-karozzi bdew gejjin wara il-karozza tas-servizz u l-kollega tieghu kellu jnehhi l-karozza

---

[1] Fol. 40 tal-atti tal-process

taghhom stess billi dar il-blokka ta' dik l-istess triq u rega mar fejn kien hu stess biex ma johloqx iktar kongestjoni fit-triq. Waqt li kien qed jikteb dan it-ticket ta' kontravenzjoni avvicinah persuna maghruf bhala Charles Ryan Vella li ukoll gharaf prezenti fl-awla bhala imputat.

Huwa staqsih ghall-licenzja tas-sewqan biex ikun jista johrog it-ticket ta` kontravenzjoni u minnufih Charles Ryan Vella kkopera hafna mieghu u ammetta li kien qieghed bla licenzja tas-sewqan. Informah li l-procedura biex ikun jista jnehhi l-vettura, peress li ma kellux licenzja, hi billi jcempel xi tow truck. Kompla jikteb it-ticket, filwaqt li jispjega lil Isaac Grech li darb'ohra, jekk jista jkun, kemm ghalih kif ukoll ghall-pulizija, jindirizza il-persuna li tkun qed tkellmu b'edukazzjoni. Meta ra u sema hekk, Charles Ryan Vella qabad jghajjat u jghidlu biex ma jghajjatx ma huh Isaac Grech; meta fil-fatt sostna li ma kienx qed jghajjat mieghu. Beda, go wiccu jghajjat, meta kien qed jikteb it-ticket u b'ton qawwi u ta' awtorita' ordna lil Charles Ryan Vella jersaq lura biex ma jtellfux aktar minn xogholu.

Charles Ryan Vella ma semax minnu,  baqa' sejjer ghal go fih  u xengel rasu ghal go rasu jigifieri tah daqqa ta' ras. Charles beda jallega li kien hu stess li tah daqqa ta ras filwaqt li offrihielu li jekk hemm xi mod li jista jsib il-provi *feel free* u jkun jista johroghom. Qallu li kien ser isaqsi ghal iktar ghajnuna u minnufih Charles ordna lil Isaac jitla fil-vettura biex ikunu jistghu jitilqu 'l hemm. Ordna lil Charles sabiex ma jghamilx hekk biex ma jsuqx il-vettura minn fuq il-post peress li ma kellux licenzja. Isaac rikeb fis-seat tal-passigier u Charles rikeb fis-seat tad-driver u saq 'l hemm. Huwa lemah il-kollega tieghu PS 674 sejjer lura ghal hdejh peress li kellu jressaq il-karozza tas-servizz, dahal fil-karozza u spjegalu li Charles kien qed isuq minghajr licenzja tas-sewqan. Dan Charles prova iweggghu u saq 'l hemm u huma saqu ghal warajh.

Xeghlu l-mezzi taghhom jigifieri l-blue lights u saqu ghal warajhom ghal go Triq Villambrosa fejn daqqew kemm il-darba il-horn tas-servizz u minnufih Charles Ryan Vella waqqaf il-vettura f'nofs ta` triq. Rega hareg mill-vettura kompla jghajjat go wicchom u huma baqghu jipprovaw jikkalmawh. Qalulu li l-affarijiet ma jmorrux hekk ghax l-affarijiet kienu ser jikbru. Charles kompla b'din il-haga billi hareg il-mobile u fixkilhom f'xogholhom, johdilhom il-videos go wicchom u iktar. Ma setghux jghamlu mod iehor hlief jghajtu ghall-assistenza u wara ftit sekondi waslu zewg karozzi ohra tas-servizz biex iferquhom u jikkalmaw is-sitwazzjoni. Kollegi tieghu marru fuq Isaac, staqsewh ghall-identifikazzjoni u ghall- ID card u kemm ghandu zmien u dan beda ihebb ghalihom. Isaac stess qalilhom li kellu sbatax-il sena, jigifieri li hu minorenni.  Minn verifiki li ghamlu irrizulta li mhux veru kien minorenni izda kellu ghoxrin sena. Informawh li kienu ser izommuh taht il-kustodja tal-pulizija ghat-theddid li ghamel lill-pulizija u iddecidew li jarrestawh. Meta marru biex jarrestaw lil Charles, dan ikkommossjona ruhu w ipprova jahrab u iweggahhom. Nizluh ma l-art bil-mod kemm jista jkun biex ma iwegghuhx u arrestawh u tellghuh bil-mod. Charles irnexxilu jigdem kollega tieghu f'idejh. Dak il-hin cemplu lill-pulizija tad-distrett u dawn waslu fuq il-post ftit minuti wara. Haduhom it-tnejn l-ghassa u dawn baqghu jinsulentawhom u jghajruhom b'diskors mhux xieraq. Marru l-polyclinic jghamlu certifikat mediku tal-griehi li kien hemm li kienu ta' natura hafifa.

Mistoqsi x'tip ta kliem inghad mill-imputati jghid, wara li hares lejn l-okkorrenza li hemm esebita fl-atti bhala dok NPS, u jghid li qallu kliem bhal '*naharqek haj, nahraqlek il-karozza u d-dar, insibek barra, issa tkun taf min jien, ghala zobbi minnek, f…il l.. ommok, imur jiehdu fo.. kemm ghandu, fejn hi il-bodycam go sorm..? issa naraw il-qorti, dwejjaq f'zaqqek ghandek issa tkun taf, naf min inti Clayton Azzopardi, nehhili l-manetti ha niggieldu, innezzalek l-uniformi, ejja ha niggieldu, pufti, pufta kollok'* fost hafna theddid iehor.

Jghid li dan il-kliem kien indirizzat lejn dawk il-pulizija li kienu qed ighamlu l-arrest fosthom hu, PS 918, PS 674 u PC 250. Muri d-dok CCG[2] jghid li dan hu certifikat li marru jghamlu meta kienu ser jarrestaw lil Charles Ryan Vella. Qal li huwa kellu skond ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Monica Camilleri li kellu griehi hfief u hmura fuq il-mohh. Jghid li waqt l-arrest ma kien hemm hadd iktar minn naha tal-imputati. Involviment ta` terzi ma kienx hemm. Dejjem kienu tnejn minn nies. Jghid li fil-bidu kien wahdu ma kollega, izda mal-hin kien hemm id-diverbju u ghalhekk zdiedu l-ufficjali tal-pulizija fuq talba tal-kollega tieghu. Mistoqsi x'kien li *ittrigerja* dan l-attegjament tal-imputati jghid li ma jafx.

**PS 674 Nigel Mallia** xehed nhar il-11 ta Novembru 2020 a fol. 53 u kkonferma li nhar is-26 ta' Settembru, 2020 kien qieghed xoghol overtime flimkien ma kollega tieghu PC 250, jaghmlu patrol, il-Marsa u Hamrun. Fil-hin innotaw karozza numru ta' registrazzjoni KBV 086 tal-ghamla Smart ipparkjata fuq double yellow line gewwa Triq Fra Diegu. Fil-vettura dak il-hin kien hemm biss passiggier u cioe l-imputat Isaac Grech. Huwa kellmu u talbu biex iressaq il-karozza minn fuq il-post izda wiegeb li ma kellux licenzja tas-sewqan u ghalhekk ma setax jghamel dak minnu mitlub. PC 250 nizel mill-vettura tas-servizz u mar fuq il-bankina. Sadanitant kellu karozzi ohra gejjin minn warajh u ghalhekk kellu jiccaqlaq biex ma jostakolax it-triq. Sakemm dar mal-blokka u rega dar biex jasal ghal Triq Fra Diegu, jara lil PC 250 imur jigri lejn il-vettura fejn kien rikeb fil-vettura u talbu biex isuq ghal wara din l-ismart u dan ghaliex qallu li x-xuffier kien qed isuq bla licenzja ta-sewqan. Qallu ukoll li s-sewwieq kien ser ihebb ghalih. Dak il hin, saqu ghal warajh; dan dar ghal Triq Villambrosa. Dan kollu waqt li kellhom is-sirena mixghula u waslu ezatt warajh. Daqqew l-airhorn ghal xi tlett jew erba darbiet u dan waqaf f'nofs ta' triq fi Triq Villambrosa quddiem entratura ta' garage. Ix-xuffier hareg minn gol-karozza rrabjat u agitat, deher

[2] Fol. 52 tal-atti tal-process.

imfixkel. Huwa hareg mill-karozza tas-servizz biex imur ikellmu; dan gie identifikat bhala Charles Ryan Vella l-imputat li gharaf fl-awla.

Mar fuqu u qallu '*mieghek ser nitkellem imma ma l-iehor ma rridx nitkellem*.' Qallu li ma kienitx problema basta li jitkellmu. Qallu biex jikkalma, darba dabtejn. Charles ma riedx jikkalma b'xejn. Beda jirraguna mieghu biss izda ma riedx jikkalma. Dak il hin beda jipprova jikkalmah. Ghalihom l-iktar haga importanti hu li l-ewwel jikkalmaw il-persuna li ser jitkellmu maghha u dan biex jaraw x'kien qed jigri.  Dan beda jghidlu li PC 250 kien hebb ghalih  u li ipprova itih bir-ras. Huwa baqa jipprova jikkalmah. Imbaghad hareg ukoll Isaac mill-karozza u dan beda jghajjar ukoll lil PC 250 u qabad il-mobile biex johdilhom video u jmur ma wicchom u ma bediex ihallihom jahdmu. Damu xi hmistax-il minuta jipprovaw jikkalmawh fit-triq . Dak il-hin ma kellu l-ebda option ohra salv li jitlob l-assistenza tal RIU u fil-pront marru xi vetturi minn taghhom biex jaghtuh l-assistenza. Fuq il-post waslu PC 473, PC 295 u PC 410. Jghid li sadanittant it-traffiku kien wieqaf u kull m'hemm ibblokjat tant li kien hemm xi nies li cemplu id-depot u talbu li jkun hemm l-assistenza. Is-sitwazzjoni kompliet teskala ghax PS 918 staqsa lil Isaac biex jghati d-dokumenti tieghu izda dokument fuqu ma kellux. It-tnejn li huma bdew jghidu li kien taht l-eta jigifieri ID numru 76900L, izda ma kien xejn taht l-eta.

Gew f'punt li PS 918 kellu bzonn jarresta lil Isaac minhabba nuqqas ta' dokumenti ghax ma kienux jafu min kien u kif ukoll ghaliex beda jghajjar lil PS 918 b'certu diskors u kellu jigi arrestat. Charles ma accettax din is-sitwazzjoni u beda jsir aktar aggressiv biex huma ma jarrestawx lil Isaac. Fil-fatt dan ma giex arrestat. Pero waslu f'punt fejn kellhom jarrestaw lil Charles u dan wara li kienu ghaddew xi tlett kwarti u kienu ghadhom f'nofs ta triq u kellhom jarrestawh biex jikkalmaw is-sitwazzjoni. L-arrest, sfortunatament, kellu isir bl-uzu ta' forza necessarja sa anke waqghu ma l-art u dan Charles gie immanettjat. Izda xorta baqa' jkun aggressiv. Qajmuh minn ma l-art u beda jobzoq lejn il-pulizija.

Waqt is-search fil-vettura li saret minnu u minn PC 295 dan Charles prova jigdem lil PC 437 li dak il-hin kien qed izommu minn ghonqu biex jikkalmah. Izda kien fast bizzejjed li jnehhi jdejh minn ma ghonqu u regghu ipprovaw jikkalmaw lil Charles.

Eventwalment gew mehuda l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun. Fejn Charles hemmhekk ikkalma izda Isaac Grech baqa' min naha tieghu jghajjar lill-pulizija jigifieri go l-ghassa stess quddiem ufficjali ohra tal-ghassa stess. Beda jghajjar specjalment lil PS 918 u anke hedded lill-ufficjali li ser jahraqilhom il-karozza u jahraqilhon id-dar. Hemmhekk taw handover lill-ispettur Rotin u huma marru jghamlu certifikat mediku fil-*polyclinic* ghaliex kellu griehi hfief. Dan hu mmarkat bhala dok NM[3].Jghid li l-grif fuq l-akkuzat sehhew meta waqghu mal-art.

Meta kienu l-ghassa Isaac kien bilqieghda fuq siggu u kien qed jigi kkalmat minn divesi ufficjali tal-pulizija biss pero baqa' jindirizza jekk mhux sejjer zball lil PS 918 diversi drabi li ma jafx jahdem u kliem volgari u theddid. Il-hin kollu baqa' ghaddej. Jikkonferma li meta waqqfu lill-akkuzati kien wahdu ma kollega iehor biss. Huwa kien is-sewwieq. Qal li meta kellem lil Isaac l-ewwel darba dan kien fil-karozza u gew karozza ma karozza. Qal li staqsewh jekk kellux licenzja tas-sewqan u nizel mill-karozza. Dak il-hin nizel il-kollega tieghu PC 250 waqt li hu saq 'l hemm mar idur mal-blokka halli ma jostakolax it-traffiku. Jghid li sakemm telaq biex idur il-blokka ma kienx ghadu ra lil Charles Ryan Vella.

[3] Fol. 61 tal-atti tal-process

Meta kienu fuq il-post u staqsew ghall-assistenza kien hemm diversi ufficjali tal-pulizija. Jghid li spiccaw xi tmien ufficjali tal-pulizija fuq il-post fosthom membri tal RIU.

Mistoqsi kif kien liebes jghid li kellu l-uniformi konsistenti *f'combat trousers* iswed, flok iswed bil-kelma pulizija kbira fuq wara, l-arma tal-pulizja fuq quddiem ukoll u cinturin tas-servizz. Qal li jkunu armati ghas-sigurta tal-pulizija.

**PS 918 Clayton Azzopardi** xehed nhar it-12 ta' Mejju 2021 a fol. 65 u kkonferma li nhar is-26 ta Settembru 2020 ghall-habta ta xi 11:30am kienu informati minn kollegi ohra li kellhom bzonn l-assistenza gewwa Triq Villambrosa, il-Hamrun ghax kien hemm zewg persuni li kienu aggressivi maghhom. Huwa wasal fil-pront, kien bil-karozza u dak iz-zmien kien stazzjonat l-RIU. Fuq il-post kien hemm zewg pulizija minn taghhom u cioe PS 674 u PC 250. Jghid li dawn kienu waqfu karozza b'zewg persuni u cioe l-imputati. Dawn kienu aggressivi maghhom. Kif wasal fuq il-post kien hemm kommossjoni shiha ma dawn iz-zewg pulizija u huwa pprova jikkalma is-sitwazzjoni pero kien ghalxejn. Iz-zewg imputati kienu fi stat ta kommossjoni qawwija u ma riedux jikkooperaw maghhom.

Huwa kien fuq Isaac Grech u beda jitolbu l-ID card tieghu u d-dettalji tieghu izda dan qallu li ma kellux dokumenti fuqu. Qallu li kien jismu Isaac Grech u tah in-numru tal-ID Card. Beda jghid li kien minuri ta sbatax-il sena; izda ma kienx qed jaqbel mas-sistema taghhom li kienet qed timmarka li kellu ghoxrin sena. Hemmhekk infurmah li kien ser jigi detenut sakemm tigi verifikata l-identita tieghu. Hemmhekk l-affarijiet komplew jaggravaw. Beda jaggrava it-tghajjir u t-theddid. Kif ghamillu l-manetti infurmah bil-procedura u Isaac qabad ifajjar bl-addocc u laqtu u weggghu. Eventwalment gie mizmum u gie arrestat. Kif ra

hekk, dar fuq il-kollegi l-ohra u Isaac prova ihebb ghalihom u gie arrestat minnhom.

Mistoqsi xi kliem qal, stqarr li qallu li kien ser jahraqlu id-dar u l-mara; li ha jahxilu t-tfajla tieghu minn wara tant hi kerha ghax qeda mieghu. Beda jghidlu li jekk ghandu tfal dawn huma handikappati ghaliex huwa ikrah hafna. Kien ser itih xebgha bil-baseball bat. Kemm kien ilu pulizija u cioe ghaxar snin qatt ma kellu dan it-tip ta' hdura lejh. Huwa baqa kalm minkejja it-tghajjir u t-theddid. Minn hemmhekk ittiehdu l-ghassa u baqghu bl-istess attegjament. Saret tfittxija fil-vettura taghhom ghall-affarijiet relatati ma droga jew affarijiet suspettuzi. Minn hemm mar il-polyclinic u ghamel certifikat tal-injuries li garrab waqt li kien qed jarresta lil Isaac. Huwa pprezenta ic-certifikat tieghu li gie mmarkat bhala dok CA[4] u certifikat ta' Jurgen Falzon li gie mmarkat bhala dok JF.[5]

Dr Monica Camilleri xehet nhar it-12 ta Mejju 2021 a folio 71 u kkonfermat li kienet rat lil Jurgen Falzon, Clayton Azzopardi, Nigel Mallia u Clayton Caruana Gould. Lil Clayton Azzopardi kienet ratu darbtejn u ghalhekk kellha hames certifikati x'tesebixxi li gew mmarkati bhala dok MC1 sa MC5.[6] Tghid li l-feriti kif deskritti fic-certifikati indikaw li l-feriti li ezaminat kienu kollha ta' natura hafifa.

**PC 407 Jurgen Falzon,** stazzjonat l-RIU, xehed nhar it-12 ta' Mejju 2021 a fol. 80 u qal li nhar is-26 ta` Settembru 2020, waqt li kien il-Pieta, kien sema fuq ir-radio illi l-kollega tieghu kellu bzonn l-assistenza. Jghid li kien bejn il-11.00am u l-11.30am u mar javvicina Triq Villambrosa l-Hamrun u sema fuq ir-radio lill-kollega tieghu jargumenta ma Isaac u Charles l-imputati odjerni. Fuq il-post kien hemm xeba ghajjat u storbju u marru jifirdu lil Isaac u lil Charles minn mas-

[4] Fol. 69 tal-atti tal-process.

[5] Fol. 70 tal-atti tal-process.

[6] Fol. 75 et seq tal-atti tal-process.

Surgent. Jghid li l-imputati bdew ihebbu ghas-surgent 918 u wara hafna tghajjir u ghajjat bi hdura lejn is-surgent 918, jara lil PS 918 jarresta lil Isaac u dak il-hin Charles mar ihebb ghas-surgent u kien hemmhekk li arrestew lil Charles.

Qal li kien hemm kliem bhal '*ha nahraqlek id-dar, noqtollok it-tfal, noqtollok il-mara insibek zgur."* Kien hemm kliem fis-sens li ser jaharqulu il-karozza ukoll u bdew jindirizzawh b'ismu u kuljom lis-surgent. Jghid li waqt l-arrest ta` Charles huwa sofra xi griehi fil-minkeb fejn anke kellu marki fuq idejh ghax Charles ipprova jigdmu. Jghid li wara mar il-polyclinic u inghata certifikat mediku li gie mmarkat bhala dok MC1. Jghid li fuq il-post meta wasal kien hemm hafna pulizija.

**PS 991 Alexander Gauci** xehed nhar l-4 ta' Ottubru 2021 a fol. 85 u spjega li nhar is-26 ta' Settembru 2020 ghall-habta tal-11.30am gew infurmati li kellhom bzonn l-assistenza mit-taqsima tal-RIU gewwa Triq Villambrosa, l-Hamrun minhabba li kienu waqqfu zewg persuni maskili. Huwa mar fuq il-post flimkien ma PC 1456 u fuq il-post sab kommossjoni kbira. Sab persuna li kienet immanettjata li rrizulta li kien l-imputat Charles Ryan Vella. Dan kien fil-kumpanija ta' Isaac Grech l-imputat l-iehor. Dawn iz-zewgt irgiel gew imwaqqfa minn PS 674 u PC 250. Fuq il-post kien hemm diversi pulizija ohra mit-taqsima tal-RIU. Kien hemm PS 918 u x'hin beda jipprova jara x'gara u ma garax, Charles Ryan Vella deher fi stat agitat u beda jghajjat hafna. Il-pulizija bdiet tipprova tikkalmah izda dan ma setax jigi kkontrollat. Kien qed jinzamm minn PC 437 u f'xi hin anke pprova jigdmu. Beda jghid li kien ser ipattieha lill-pulizija u li kien ser jahraq id-dar ta` PS 918.

Minn hemm ordna li jitnizzlu l-ghassa tal-Hamrun u l-ispettur Rotin halla fixed point PC 1456 mal-vettura tat-tip Smart numru ta' registrazzjoni KBV 086. Irrizultalu li din kienet qed tigi misjuqa minn Charles Ryan Vella. Ha l-verzjoni

ta` PS 250 u PC 674 u dawn qedin imnizzlin fir-rapport esebit fl-atti a fol. 22. Bl-akkadut informa lill-ispettur Andy Rotin li dakinhar kien ghassa u nizel jara x'kien gara u kompla hu bl-investigazzjoni. Huwa baghat ghal filmat mill-BOV u ghaddih lill-ispettur Andy Rotin.

**PC 1456 Omar Sherrif** xehed nhar l-4 ta' Ottubru, 2021 a folio 88, u kkonferma li nhar is-26 ta' Settembru, 2020 kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun u ghall-habta tal-11:30am ircieva telefonata gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun li kien hemm xi pulizija ta-RIU li waqqfu karozza fi Triq Villambrosa, Hamrun u intalbu jmorru fuq il-post. Mar flimkien mal-kollega tieghu u sab kommossjoni kbira. Kien hemm persuna mmanettjata li rrizulta li kien l-imputat Vella u dan kien flimkien mal-ko-akkuzat Grech. Irrizultalu li dawn l-imputati kienu gew imwaqqfa mill-pulizija PS 674 u PC 250 proprju fuq il-post. Fuq il-post kien hemm diversi pulizija anke minn skwadri ohra. PS918 ipprova jara x'kien gara u ma garax. Vella deher li kien agitat hafna u beda jghajjat. Il-pulizija pprovat tikkalmah izda ma setghux jikkontrollawh. Dak il-hin kien qed jinzamm minn PC 437 u f'dik l-agitazzjoni anke pprova jigdmu. Beda jghid li kien ser ippatiha lill-pulizija kollha u li kien ser jahraq id-dar ta PS 918. Ix-xhud kien mbaghad gie ordnat li jiehu liz-zewg aggressuri gewwa l-ghassa.

**PC 295 Daniel Schembri** xehed nhar l-4 ta` Ottubru 2021 (ara folio 91) u spjega li nhar is-26 ta' Settembru 2020 ghall-habta tal-11:15 u 11:30am kien patrol normali w intalbet l-assistenza minn PC 250 u PS 674 li kienu fi Triq Villambrosa Hamrun u dan ghaliex kienu waqfu karozza fl-imsemmija triq. Jghid li l-imputati bdew jgheddu lill-pulizija li ser isibuhom barra minghajr uniformi u hafna diskors bhal dan. B'mod specjali, il-kliem kien indirizzat lejn PS 918. Ftit wara gew arrestati. Saret tfittxija fil-karozza izda ma instab xejn irregolari. Imbaghad l-imputati gew mehuda l-ghassa biex jitkomplew l-investigazzjonijiet minn naha tad-distrett.

**PC 410 Clint Cutajar** xehed nhar l-4 ta' Ottubru, 2021 (ara folio 99) u kkonferma li nhar is-26 ta' Settembru, 2020 kien xoghol jahdem *day duty* ma PS 918 fejn ghall-habta tal-11:30am gew informati fuq ir-radio li kien hemm bzonn l-assistenza taghhom gewwa Triq Villambrosa, Hamrun. Hekk kif waslu fuq il-post ra zewg kollegi tieghu PS 674 u PC 250 jitkellmu ma guvni li kien l-imputat Vella li deher agitat. Kien hemm guvni iehor li gharaf bhala l-imputat Grech li kien fuq l-ghatba ta' xi dar. Is-surgent talab lill-imputat Grech ghal ID card tieghu izda dan ma kellux l-karta ta' identita fuqu. Vella qabad jghajjat u qal li Grech jigi huh iz-zghir u li huwa taht l-eta u ghalhekk ma setax jigi arrestat. Dak il-hin sar aggressiv u anke pprova jerfa idejh fuq l-pulizija li bdew ikellmuh. Sabiex arrestawh, il-pulizija anke spiccaw ma l-art mieghu. Sema lil Isaac Grech jindirizza lil PS 918 li ser isibu barra u jpattihielu u li kien ser imur mal-mara tieghu. Sema lil Charles Ryan Vella jindirizza lil PC 250 u lil PS 918 li ser isibhom barra u jpattihielhom.

**L-Ispettur Andy Rotin** xehed nhar is-17 ta' Jannar 2022 (ara folio 102) u qal li nhar is-26 ta' Settembru 2020 ghall-habta tan-12:30pm gie nformat rigward l-arrest ta' Charles Ryan Vella. L-informazzjoni li waslet ghall-arrest tal-imputati qeda fir-rapport tal-pulizija. Huwa kien interroga lil Charles Ryan Vella u lil Isaac Grech li gharaf prezenti fl-awla. Muri l-istqarrijiet a fol 17 et seq huwa jikkonfermhom. L-istqarrija ta' Isaac Grech tinsab esebita a fol. 17 tal-atti waqt li dik ta Charles Ryan Vella tinsab a fol. 20. Huwa pprezenta faxxikolu li jikkoncerna lil Charles Ryan Vella li gie mmarkat bhala dok CRV1 ghaliex kien talab li jigi invistat minn tabib. Ipprezenta xi dokumenti ohra fosthom zewg sentenzi wahda li inghatat fil-konfront ta' Issac Grech datata 13 ta' Settembru, 2017 li giet mmarkata bhala dok IG1[7] u ohra datata 19 ta' April, 2016 li inghatat fil-konfront ta' Charles Ryan Vella li giet mmarkata bhala dok CRV2[8]. Ipprezenta

[7] Fol. 112 tal-atti
[8] Fol. 116tal -atti tal-process

zewg stills ta' cameras li ingabru minn PS 991 Alexander Gauci li semma fix-xhieda tieghu fejn juru l-vettura in kwisjtoni qeda tigi misjuqa fi Triq Villambrosa, Hamrun. Dawn gew mmarkati bhala dok XV1 u XV2[9].

**PS 674 Nigel Mallia** xehed nhar il-11 ta` Ottubru 2022 u kkonferma li kien ha video minn fuq il-mowbajl tieghu dwar l-argument li inqala li jikkoncerna lill-imputati. Dan huwa poggih fuq zewg pendrives li jinsabu esebiti fl-atti bhala dok NM1. Jidher li kien hemm karozza ipparkjata f'kantuniera u l-kollega tieghu kien nizel mill-karozza ghax ma kienx hemm fejn tieqaf u huwa kien ix-xuffier u wasal ix-xuffier tal-karozza li kien hemm fil-kantuniera u kellu xi jghid mal-kollega tieghu. Jaf li inqala kaos kbir ghaliex ix-xuffier ma setax jifhem ghaliex kienu talbuh biex icaqlaq il-karozza tieghu u ghaliex kienu ser ituh kontravvenzjoni dwarha.

**Stephanie Calafato Testa** xehdet nhar it-12 ta' April 2023 u stqarret li kienet giet mitluba biex tipprezenta xi sentenzi u sabiex tikkonferma jekk kienx gie intavolat xi appell minnhom.

**Isaac Vella** ma xehedx f'dawn il-proceduri pero irrilaxxja stqarrija a tempo vergine li tinsab esebita fl-atti a fol. 17 u dan wara li inghata id-drittijiet tieghu skond il-ligi u jghid li mhux minnu li kien aggressiv meta gie imwaqqaf mill-pulizija nhar is-26 ta' Novembru, 2020; jghid li dik hija farsa. Il-video ma gibidx avolja ppruvaw icahduh milli jiffilmja. Jghid li l-pulizija haduh ghand tabib li ma kienx professjonali ta` Rahal Gdid ghaliex kellu griehi u din ma rathomx. Qal ukoll li m'ghandux fiducja fil-korp tal-pulizija ghaxi spicca imsakkar go kamra u waqqghu ghar-redikolu ma tax-xoghol.

---

[9] Fol. 118 tal-atti tal-process.

**Ryan Charles Vella** ukoll ma xehedx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt u lanqas wiegeb id-domandi li gew imposti lilu fl-istqarrija li tinsab esebita fl-atti a fol. 20 u dan wara li inghata id-drittijiet tieghu skond il-ligi.

Dan hu bazikament dak li rrizulta f'dan il-procediment.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Qorti ezaminat sew u gharblet ir-rizultanzi processwali, tant li tista tghaddi ghas-segwenti konkluzjonijiet.

1. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, dik imsejjsa fuq id-dispost ta` l-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti tiddikjara minnufih illi tali imputazzjoni hija insostenibbli.

L-ewwel imputazzjoni (imsejsa fuq Art.96 tal-Kap 9), hija kolpita f'dan il-kaz minn nuqqas ta` provi mehtiega sabiex tavvera ruhha tali imputazzjoni. Din tohrog aktar cara mid-differenza li hemm bejn propju l-Artikolu 95 u l-Artikolu 96 tal-Kap 9. Tajjeb li wiehed jezamina dak li gie enuncjat mil-Qorti ta` l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-5 ta` Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Stacey Chircop u Omar Faiz" (App. Nru. 76/2007 DS).** Ghal dak li jirrigwarda d-differenza bejn l-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali ddikjarat hekk :

*Permezz tas-sitt akkuza (akkuza (e) fin-nota ta' rinviju ta' l-4 ta' Dicembru 2006) gie addebitat lill-appellati r-reat kontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, cioe` r-reat ta' kull min "jattakka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra*

*persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti". L-appellati gew illiberati minn din l-akkuza izda misjubin hatja tal-hames akkuza, u cioe` r-reat kontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Dawn iz-zewg reati huma ben distinti minn xulxin. L-artikolu 96 jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet The Police v. A. B. Michael Locking moghtija fit-3 ta' Ottubru 1966:*

***"The difference to the two crimes envisaged under Sections 94 and 95 [illum 95 u 96] of the Criminal Code, does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only the character of the duties the injured person is performing at the time of the offence. Indeed, Section 94 states 'while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty', whilst section 95 requires that the offence is committed when in the execution of the law or of a lawful order issued by a competent authority."***

*Fil-kaz in ezami, l-incidenti mal-Pulizija ma grawx waqt li l-Pulizija kienu qeghdin "jesegwixxu l-ligi" jew jesegwixxu "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Huwa minnu li l-Ispettur Ian Joseph Abdilla*

*xehed li kienu qeghdin ifittxu lill-appellat Stacey Chircop dwar investigazzjoni pendenti u kellhom anke mandat mahrug mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera. Izda l-arrest ta' Chircop sar fil-kuntest tal-glieda li kien involut fiha f'Testaferrata Street. Difatti fl-ebda waqt ma qal l-Ispettur Abdilla jew xi hadd iehor mill-ufficjali tal-Pulizija li kienu mieghu li nfurmaw lil Chircop li kellhom mandat ghall-arrest tieghu in konnessjoni ma' l-imsemmija investigazzjoni.*

*Ghalhekk l-ewwel Qorti korrettement illiberat lill-appellati mis-sitt akkuza filwaqt li, korrettement, sabithom hatja tal-hames akkuza. B'hekk ir-raba' aggravju ta' l-appellant qieghed jigi respint.*

Bhala konsegwenza ta` din l-interpretazzjoni, din il-Qorti tara li l-imputati ma jistghux jinstabu hatja ta` l-ewwel imputazzjoni (Art.96).

2. Illi pero', mhux l-istess jista jinghad ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha addebitati lill-imputati fil-paragrafi (2) sa (8). Di fatti, ghall-kuntrarju ta` dak li sehh dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tiddikjara li l-prosekuzzjoni, bil-provi mressqa, rnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-imputati skond il-ligi.

Mhux mehtieg li l-Qorti terga tirrepeti dak li osservat gia supra dwar x'kienu r-rizultanzi processwali. Bizzejjed pero` jigi rikapitolat illi nhar is-26 ta` Novembru 2020, ghall-habta ta` bejn il-11.00-11.30am fil-Hamrun, minghajr ma kienu ipprovokati mill-pulizija, anzi peress li l-pulizija kienu qed jaghmlu xogholhom, l-imputati nfexxew f'agir ghal kollox arroganti u agressiv kontra l-membri tal-korp tal-pulizija. L-imputati ingurjaw, heddew u ghamlu offizi ta` natura hafifa fuq il-membri tal-korp tal-pulizija; mhux talli ma obdewx l-ordinijiet legittimi moghtija

lilhom mill-pulizija, izda sahansitra fixkluhom fil-qadi tad-dmirijiet taghhom. Dan kollu sehh fil-pubbliku u ghalhekk gew li kisru l-bon ordni u l-paci pubblika. L-imputat Charles Ryan Vella saq vettura minghajr licenzja tas-sewqan. Filwaqt li l-imputat Isaac Grech irrifjuta li jaghti u wkoll ta dettalji mhux korretti dwar l-identita` tieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi dwar l-ahjar sanzjoni, din il-Qorti tinnota illi hawnhekk ghandna azzjoni ta` arroganza u sfida, u addirittura hebb fil-konfront tal-Pulizija. F'dan il-kuntest ukoll, il-Qorti hadet nota sew tal-agir ta` l-imputati kif jirrizulta mill-filmati qosra esebiti in atti.

L-imputati zbaljaw sew u jridu jhallsu ta' ghemilhom - dak wara kollox hu l-ghan tal-Gustizzja skond il-ligi.

Illi in tema ta' piena wkoll l-Qorti rat diversi sentenzi, fosthom izda mhux biss **App Krim 107/2005 JGD Pulizija Vs George Grech – deciza 23/6/2005** fejn gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell Kriminali :

*"**Illi l-Qorti terga ttenni f'dak li gja qalet f'diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqisu leggerment mill-Qrati li ghandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni pubbliku meta jkunu qed jaggixxu fiz-zamma tal-ordni taht cirkostanzi mill-aktar difficli u b'riskju kbir ghall-inkolumita' taghhom personali w li ghalhekk f'dawn it-tip ta' reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-ligi**".*

Daqshekk huwa serju kull attakk fuq il-Pulizja u/jew ufficjali pubblici.

Il-Qorti hadet nota wkoll tal-addebitu tar-recidiva moghti skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati. Iz-zewg artikoli tal-ligi msemmija jitkellmu dwar "ikkundannat". Minn ezami sew tas-sentenzi esebiti, l-Qorti tinnota illi:

i. Fil-konfront ta` Isaac Grech giet esebita sentenza tat-13/09/2017 – dok IG1 – fejn instab hati izda ma gietx imposta kundanna;

ii. Fil-konfront ta` Charles Ryan Vella gew esebiti s-segwenti sentenzi, u cioe;

- 19/04/2016 – dok – CRV2 – fejn instab hati izda ma gietx imposta kundanna;
- 18/05/2017 – dok – SCT2 – fejn instab hati izda ma gietx imposta kundanna;
- 15/11/2018 – dok – SCT3 – fejn instab hati izda giet imposta sanzjoni tal-kontravenzjonijiet; u ohra
- 15/11/2018 – dok – SCT4 – fejn instab hati, giet imposta kundanna, *izda ma saritx f'dawn l-atti l-prova kif mehtieg dwar l-identita`*.

Dan kollu ifisser illi legalment, l-addebitu tar-recidiva, ma jistax jigi applikat fil-konfront taz-zewg imputati.

Naturalment, fil-kuntest in ezami, din il-Qorti qieset sew ukoll il-fedini penali ta` l-imputati esebiti in atti; ta` Charles Ryan Vella ma hi xejn felici, filwaqt li ta` Isaac Grech tindika li hu persuna inklinat li jikser il-ligi wkoll.

Dan kollu ghandu jkun rifless fis-sanzjoni kkontemplata.

**Konkluzjoni.**

**GHALL-MOTTIVI PREMESSI L-QORTI,** wara li rat l-Artikoli 17, 31, 95, 214, 215, 221(1), 338(g)(ee)(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lill-imputati **Charles Ryan Vella u Isaac Grech**;

A. mhux hatja ta' l-imputazzjoni numru (1), u minnha tilliberahom skond il-Ligi;

B. izda hatja ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif addebitati lilhom u tikkundannahom :

Lil **Charles Ryan Vella** ghal sentejn (2yrs) prigunerija, izda tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta` erba snin, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija;

U ghall-hlas ta` multa fis-somma ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3500);

u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta` tnax-il (12) xahar.

Lil **Isaac Grech** ghal wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija izda tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta` erba snin, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija;

U ghal hlas ta` multa fis-somma ta` elfejn ewro (€2000).

Il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi u r-responsabbilità taghhom taħt l-artikolu 28B jekk huma jikkommettu, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija.

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9, il-Qorti ghax hekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni ta’ PC437, PC250, PS918 u PS674, jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena inflitta, torbot lill-ħatja b’obbligazzjoni taghhom taħt penali ta’ elfejn euro (€2000) kull wiehed, u dana ghal żmien tnax-il xahar.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Bernardette Zammit
Deputat Registratur